# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum il-5 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 199 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Francois ZAMMIT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-25 ta' Ġunju 2019 fil-konfront ta' Francois ZAMMIT, karta tal-identità bin-numru 544086M fejn ġie mixli:

    Talli nhar it-3 ta' Marzu 2019 għall-ħabta ta' 01:09hrs bil-vettura IBI 751 ġewwa Triq Għar Dalam, Birżebbuga:
    1. Saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;
    2. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
    3. Naqas jew irrifjuta li jagħti skont il-liġi kampjun tan-nifs, tad-demm u/jew tal-urina.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u l-artikoli 15(1)(a)(3), 15A(1), 15(E) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, iddeċidiet li l-imputazzjonijiet kollha jirriżultaw ampjament pruvati sal-grad rikjest mil-liġi, sabet lill-imputat appellant ħati tal-imputazzjonjiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għal multa komplessiva ta' elf u tminn mitt euro (€1800) filwaqt li ssospendietlu l-liċenza tas-sewqan għal żmien sitt xhur, filwaqt li ai termini tar-regolament 78 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-liċenzja tas-sewqan lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

3. Illi minn din is-sentenza Francois ZAMMIT interpona appell permezz ta' rikors datat 11 ta' Lulju 2019 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi mħassra, revokata u kkanċellata wara li saħaq is-segwenti: -

Illi, l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-fatti kemm ukoll tad-dritt.

Illi, l-ewwel akkuża ma tirriżultax manifestament, u f'dan ir-rigward jingħad is-segwenti:

In essenza l-provi prodotti mill prosekuzzjoni u li jittantaw li jagħtu stampa vertjera ta' l-akkadut, huma l-affidavits esebiti u kkonfermati.

Illi, mill-affidavits jirriżulta li l-Pulizija Eżekuttiva kienet qed tikkonduċi *road-check* fuq is-sit imsemmi, u l-karozza kienet ġiet imwaqqfa każwalment bħalma kienu qed jiġu mwaqqfin s-sewwieqa tal-vetturi l-oħra kollha. Huwa ma twaqqafx għaliex xi ħadd innota li kien qed isuq

b'mod traskurat. Għalhekk, din l-akkuża hija bbażata solament fuq konġetturi u suppożizzjonijiet, u għalhekk ma treġix.

Illi, l-esponenti għandu jiġi illiberat mit-tieni u t-tielet akkuża fuq interpretazzjoni tad-dritt, għaliex il-Pulizija Eżekuttiva ma segwietx il-proċedura idonja *sine a qua non ad validiatem.* L-ewwel osservazzjoni f'dan ir-rigward hi s-segwenti: Skont ġurisprudenza nostrali, persuna għandha titwaqqaf u tittieħed t-testijiet tal-alkoħol u droga jekk ikun hemm biss suspett raġjonevoli li persuna qed tikkommeti reat (Artikolu 15C u Artikolu 15GA ta' Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta). F'dan il-każ, kif ġa intqal, ma kien hemm l-ebda suspett ta' reat imma kien hemm *road-check* każwali.

Illi, finalment, fl-aħħar osservazzjoni jingħad li huwa palesi fil-ġurisprudenza nostrali li it-test tal-*breathalyser* irid per forza jiġi rrifujtat fl-Għassa tal-Pulizija, u mhux fuq is-sit. Dan kien ġie ikkonfermat permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali *il-Pulizija Spettur Maria Stella Attard vs Raymond Grech Marguerat* App.Inf. 28/06/2017; *il-Pulizija vs Julian Sciberras – App. Inf. 13/03/2001; il-Pulizija vs Ramon Fenech App. Inf. 26/03/*2015; *Il-Pulizija vs Ramon Fenech App. Inf 26/03/2015* Jidher ċar li l-Pulizija Eżekuttiva riedu jagħmlulu t-test tal-*breathalyser in situs* biss u għaldaqstant kien leġittmu għall-esponent li jirrifjuta. Per konsegwenza, l-Qorti hawn ma setgħetx issib ħtija. Ir-reat iseħħ biss jekk ir-rifjut iseħħ ġewwa l-għassa tal-Pulizija jew id-Depot.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi nhar it-3 ta' Marzu 2019 bejn 00:30 u 02:30hrs il-Pulizija tal-Ħames Distrett kienu qegħdin jagħmlu *road check* fi Triq Għar Dalam, f'Birżebuggia. Għall-ħabta tas-01:08 twaqqfet vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni IBI 751 li kienet misjuqa mill-appellant, fejn il-Pulizija nnutaw li s-sewwieq seta' kien fis-sakra, apparti li kellu riħa t'alkoħol fuqu. Il-Pulizija talbuħ jagħmel test tan-nifs fejn l-appellant irrifjuta. Wissewh bil-konsegwenzi ta' dan ir-rifjut iżda iżda l-appellant xorta waħda baqa' jirrifjuta. L-appellant ma ngħatax il-permess li jsuq peress li

ma kienx fi stat ta' sewqan. Għalhekk filwaqt li ħa trasport alternattiv, hu ġie infurmat li kienu sejrin jinħarġu l-imputazzjonijiet relattivi kontra tiegħu. L-appellant tressaq il-Qorti fejn wara li nstemgħu il-provi relattivi kontra tiegħu il-Qorti tal-Maġistrati sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi f'dan il-każ l-appell jistrieħ fuq l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa,*** 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

6. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

7. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-

---

migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

8. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

9. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

10. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

11. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

12. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

13. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

*Ikkunsidrat: -*

14. Illi l-appellant jisħaq li għandu jiġi meħlus mill-imputazzjonijiet kollha kif miġjuba kontra tiegħu peress illi ma tressqux provi li jippruvaw l-ewwel imputazzjoni. Inoltre, għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, l-appellant isostni li ma kien hemm l-ebda suspett raġjonevoli li a bażi tiegħu il-Pulizija setgħu jiddeċidu li l-appellant kellu jagħmel it-test tan-nifs. Finalment għal dak li jirrigwarda t-test innifsu u li jifforma l-mertu tat-tielet imputazzjoni, din ma saritx skond il-Liġi peress illi din ma ttiħditx fl-Għassa tal-Pulizija iżda ġiet tentata fuq il-post tal-inċident.

15. Illi għal dak li jirrigwarda l-provi miġjuba fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, l-appellant għandu raġun. Mill-affidavits miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li l-appellant ma twaqqafx peress illi kien qed isuq b'manjiera traskurata jew għax kien involut f'inċident stradali minħabba sewqan traskurat tiegħu iżda għax inzerta li kien wieħed minn diversi sewwieq oħra li kienu qegħdin jiġu kkontrollati u spezzjonati mill-Pulizija matul ir-*road check* fit-triq in kwistjoni. Kwindi ma tressqet l-ebda prova li turi illi l-appellant kien qed isuq b'manjiera traskurata qabel jew fil-mument li twaqqaf mill-Pulizija. Kwindi, in bażi għall-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija fil-konfront tal-appellant għal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni.

16. Illi r-reat imsemmi fit-tieni imputazzjoni huwa dak imsemmi mill-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid : -

> (1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.

17. Il-provi li tresqu mill-Prosekuzzjoni dwar dan ir-reat huma li waqt ir-*road check* li kienet qed issir twaqqaf l-appellant fejn dan ġie innutat li **setgħa kien** fi stat ta' sokor, kif ukoll kellu riħa ta' alkoħol fuqu. L-appellant irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs sabiex isirlu t-test tan-nifs fuq il-post. Wara li ġie mwissi mill-konsegwenzi ta' din id-deċiżjoni tiegħu l-appellant ġie infurmat li ma setgħax isuq il-vettura u ħa trasport alternattiv.

18. Jiġifieri l-Prosekuzzjoni riedet issejjes is-sejbien ta' ħtija fl-appellant fuq il-fatt li dawn innutaw lill-appellant **setgħa kien** fi stat ta' sokor – li minbarra l-kondizzjonali ***setgħa*** ma jispjegawx minn liema azzjoni tal-appellant setgħu jaslu għal din is-suppożizzjoni – għajr ħlief għall-fatt li huma jgħidu li kellu riħa ta' alkoħol fuqu. Imbagħad hemm l-element tar-rifjut tal-appellant li jagħmel it-test tan-nifs fuq il-post.

19. Il-ġurisprudenza Maltija dwar dan ir-reat hija varja, iżda *grosso modo* taqbel fuq il-prinċipji bażiċi li jridu jirriżultaw biex jiġi ritenut integrat dan ir-reat. Qabel xejn hemm l-importanza li l-istat

inebrjanti jista' jiġi pruvat kemm bil-mezz tekniku jew xjentifiku[7] kif ukoll mill-kumpless tal-provi l-oħra miġbura flimkien.

20. Hekk per eżempju fil-każ deċiż nhar il-25 t'April 1957 mill-Qorti Kriminali, eżerċenti funzjoni t'appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta,*** l-Imħallef William Harding kien stqarr is-segwenti : -

> Ghalkemm f'każijiet simili hu deżiderabbli li jigu segwiti r-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-lmhallef sedenti fis-sentenza minnu mogħtija in re 'The Police vs Groves", 18 ta' Ottubru 1948 (Kollez. XXXIII-iv-735), u ghalkemm hu ċertament deżiderabbli li t-tabib, li jiġi msejjah mill-Pulizija sabiex jaghmel ezami simili, jiġi mitlub "hic et nunc" mill-istess Pulizija li jżomm notamenti dettaljati tal-eżami tieghu bhala almenu "aide memoire" ghax xhieda tieghu eventwali (u l-Qorti taghmel dawn ir-rakkomandazzjonijiet), b'dana kollu ma hux eskluż li, anki jekk ma jigux osservati "ad unguem" it-"tests" preskritti, eppure l-kumpless tal-provi ikun suffiċjenti biex iwassal lill-Qorti ghall-konklużjoni li l-imputat kien xurban fil-waqt li kien qieghed isuq, u l-istat tieghu ta' sokor kien tali li jaffetta l-mod tas-sewqan;

21. Illi għalkemm din is-sentenza ingħatat fi żmien fejn l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx għadu ġie fis-seħħ, din is-sentenza turi loġika ġurisprudenzjali linejari dwar il-provi li jridu jitresqu quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali biex din tkun tista' ssib ħtija ta' reat fejn ġudikabbli jkun qiegħed isuq taħt l-effetti tax-xorb (jew droga). Il-Liġi aktar reċenti pero, aktar mill-ħtieġa li jiġi msejjaħ tabib *hic et nunc* biex jagħmel l-eżami tiegħu tal-ġudikabbli, tiffoka fuq il-possibilita li jsir test tan-nifs fuq kampjun li jingħata fuq il-post kif ukoll li tista' wkoll issir analiżi bi strument approvat.

---

[7] b'mod li juri r-rabta tal-effett tax-xorb jew drogi fuq il-ġudikabbli mal-fatt li dan ma jkunx f'kundizzjoni li jsuq vettura bil-mutur għax il-kapaċità tiegħu li jsuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa minħabba l-istat ta' sokor jew effett ta' droga.

L-iżvilupp xjentifiku għalhekk minn banda jipprovdi possibilta ta' riżultanzi tekniċi aktar akkurati, u mill-banda l-oħra jirrendi s-sitwazzjoni legali kemxejn aktar komplessa minn dak li kienet fi żmien dawk is-sentenzi deċiżi mill-Imħallef Harding.

22. Fis-sentenza li kienet ukoll tittratta ksur tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Pace*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar it-22 ta' Settembru 1999, kien ġie mistqarr li biex jiġi deċiż jekk persuna kienet qed issuq f'sitwazzjoni fejn il-kapaċita tagħha li ssuq sew kienet għal xi ħin imnaqsa minħabba xorb jew drogi, wieħed jista' jieħu in konsiderazzjoni provi oħra indipendentement mir-riżultat o meno (mhux biss tat-test tan-nifs mogħti fuq kampjun imsemmi fl-artikolu 15C tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta iżda saħansitra) tal-analiżi magħmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-prova tista' tinkludi l-komportament u l-kundizzjoni fiżika tas-sewwieq, kif ukoll tat-test tan-nifs mogħti fuq kampjun fuq il-post. Din il-posizzjoni hija simili ħafna għal dak li l-Imħallef Harding jirreferi bħala l-kumpless tal-provi li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tiġi biex tagħmel l-analiżi tagħha dwar l-istat li fih il-ġudikabbli jkun qiegħed isuq vettura bil-mutur.

23. Fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Etienne Turner*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar is-6 ta' Ġunju 2003 fejn ġie ritenut li :

> Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara ***Il-Pulizija v. Francis Pace*** App. Krim. 2/9/1999; ***Il-Pulizija v. Claire Falzon*** App. Krim. 5/3/2001) ghall-fini tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15A(1) jista' jittiehed in konsiderazzjoni anke r-rizultat tar- *roadside test* li flimkien ma' provi ohra jkunu juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li fuq il-provi li rrizultaw l-ewwel qorti ma setghetx tillibera mill-ewwel imputazzjoni, imputazzjoni li tipotizza proprju r-reat kontemplat fl-imsemmi Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65.

24. Illi dawn il-principji imħadmin fil-prattika jidhru wkoll mis-sentenza ta' din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Michael Mallia nhar l-20 ta' Frar 2014 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Matthew Munro*** minn fejn tirriżulta l-analiżi li kienet għamlet dik il-Qorti biex irribadiet il-ħtija fl-appellant, u ċjoe bil-mod segwenti : -

> Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tirrimarka, li ghal fini ta' l-Artiklu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-breathalyzer test huwa wiehed mill-provi, izda mhux l-unika, li l-Prosekuzzjoni tista' ggib quddiem il-Qorti sabiex tipprova li dak li jkun ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. F'dan il-kaz, hemm ix-xhieda ta' PS 1074 Stivala, PC 869 Gauci u PS 928 Ramon Mifsud Grech, fejn ilkoll xhedu li l-appellant kellu riha qawwija ta' alkohol fin-nifs, kien ukoll agitat minbarra l-fatt li kien hu stess kien li ammetta maghhom illi kien xurban. Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti, fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi ssib lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni.

25. Illi fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Ramon Fenech*** mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-26 ta' Marzu 2015 ingħad is-segwenti : -

> Ghal dak li jirrigwarda s-sewqan ma jidhirx illi kien hemm xi haga partikolarment hazina fis-sewqan tal-appellat. Veru illi baqa' diehel fuq il-karozza ta' quddiemu imma dan seta' kien sforz ta' traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal- appellat, izda mhux minhabba xorb jew drogi. Persuna jista' jkollha rieha ta' xorb però b'daqshekk ma jfissirx illi ma kinitx f'kondizzjoni li ssuq. Biex tasal ghal

dik il-konkluzjoni dan irid ikun abbinat ma' xi haga ohra bhal sewqan erratiku jew inkella rizultat ta' breathalyzer test mehud skont il-ligi. Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti ssib illi ma tistax issib htija ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza.

26. Illi posizzjoni simili ġiet ukoll imħadna fis-sentenza deċiża nhar il-21 ta' Jannar 2016 minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Raymond Debono*** fejn ġie mistqarr illi :

> Dak li kellu jigi stabbilit allura, skont it-taghlim gurisprudenzjali surriferiet huwa jekk l-kumpless tal-provi kenux sufficjenti sabiex iwassal lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzjoni b'sahhitha li l-appellanti kien xurban fil-waqt li kien qieghed isuq, u li l- istat tieghu ta' sokor kien tali li affettaw l-mod tas-sewqan tieghu. Illi din il-Qorti tqies illi fic-cirkostanzi l-provi kienu kemmxejn fjakki sabiex iwasslu ghal decizjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar ir-reita ta' l-appellanti. Dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi kemm Baldacchino kif ukoll il-pulizija xammew riha ta' xorb fin-nifs ta' l-appellanti, madanakollu fin-nuqqas ta' prova xjentifika li tista' tissostanzja dawn l-allegazzjonijiet huwa kemmxejn difficli jigi stabbilit jekk l- alkohol ikkunsmat mill-appellanti kienx tali li iwasslu fi stat ta' intossikazzjoni tant severa li din kellha effett fuq is-sewqan tieghu. Fuq kollox jidher illi l-appellanti indarab serjament f'dan is-sinistru stradali u kwindi n-natura tal-griehi sofferti minnu setghu ikkontribwew ghad-dehra "zbilancjata" tieghu. Illi jigi rilevat illi l-ufficjali tal-pulizija li investigaw dan il-fatt, it-tnejn huma konkordi meta ighidu illi r-riha ta' xorb li xammew fin-nifs ta'l-appellanti kien wiehed "hafif"[4]. Maghmul dan l-apprezzament, allura huwa ferm difficli ghal din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-appellanti kien fi stat illi ma kellux kontroll shih fuq il-vettura tieghu, anke jekk ghal xi perijodi momentanji, minhabba xi xorb li seta' ikkonsma, iktar u iktar fid- dawl tal-fatt illi l-appellanti ma kienx f'posizzjoni jiehu it-test tan-nifs minhabba l-griehi li sofra u mhux minhabba rifjut ingustifikat da parti tieghu. Prova ohra dwar jekk fil-verita l-appellanti kienx ikkonsma alkohol f'dik il-lejla ma hemmx. Din il-Qorti ma tistax tasal ghal sejbien ta' htija abbazi ta' dak li hu probabbli mic-cirkostanzi, izda biss abbazi ta' dawk il-provi lil hinn minn kull ombra ta' dubbju dwar ir-reita'. Il-provi li hemm fl-atti ma jilhqux dan il-grad u allura ma humiex sufficjenti tali illi jistghu iwasslu ghal kundanna. Ghaldaqstant abbazi ta' dawn ir- rizultanzi processwali il-Qorti ser tilqa' dan l-ewwel aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti.

27. Illi fil-kwadru probatorja ta' dan il-każ, din il-Qorti jidhrilha li l-provi prodotti kienu skarni wisq biex f'dan il-każ jiġi ritenut integrat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, fi kliem l-Imħallef Harding fis-sentenza aktar il-fuq imsemmija ***b'sikurezza***, ir-reat imsemmi fit-tieni imputazzjoni. F'dan is-sens allura din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li ssib ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

28. Illi għar-rigward tat-tielet imputazzjoni ir-reat kontemplat huwa dak maħluq bl-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan jgħid is-segwenti : -

> 15E. (1) Sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ li dik il-persuna -
> (a) tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju; jew
> (b) tagħti kampjun jew kampjuni tad-demm u l-urina għall-analiżi tal-laboratorju, li għandhom isiru fil-laboratorju approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju u r-riżultati tal-analiżi għandhom ikunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju:
> Iżda l-uffiċjal tal-Pulizija jista' b'żieda mal-kampjuni tan-nifs jeħtieġ ukoll kampjun tad-demm jew żewġ kampjuni tal-urina.
> (2) (Mħassar bl-Att VII. 2010.41.).
> (3) (Mħassar bl-Att VII. 2010.41.).
> (4) Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli tagħti kampjun meħtieġ hekk kif stabbilit taħt dan l-artikolu jew ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza tkun ħatja ta' reat u sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju,

titqies li l-proporzjon ta' alkoħol fid-demm ta' dik il-persuna ikun iżjed mil-limitu preskritt:
Iżda tkun difiża għal dik il-persuna jekk tipprova li n-nuqqas tagħha li tagħti kampjun kien minħabba l-inkapaċità fiżika jew mentali li tagħtih jew għaliex l-għoti tiegħu kien jagħti lok għal riskju sostanzjali għal saħħitha.

29. Hija wkoll relevanti għall-dan il-każ id-diċitura tal-artikoli 15C, 15D u 15G tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta li jinqraw kif ġej:

15Ċ. Meta uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li -
(a) persuna tkun qed issuq jew tipprova ssuq jew tkun fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li jkollha l-alkohol f'ġisimha jew li tkun għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur kienet miexja; jew
(b) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li kellha alkohol f'ġisimha u li dik il-persuna kien għad għandha l-alkohol f'ġisimha; jew
(ċ) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor u li għamlet reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew kontra xi regolamenti magħmula taħtha waqt li l-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet miexja; jew
(d) persuna kienet issuq jew tipprova ssuq jew kienet fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta dik il-vettura bil-mutur jew vettura oħra kienet involuta f'aċċident, huwa jista' jeħtieġ li dik il-persuna tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs.
15D. Uffiċjal tal-Pulizija jista' jgħaddi biex jarresta persuna jekk -
(a) bħala rizultat ta' test tan-nifs l-uffiċjal tal-Pulizija jkollu suspett raġonevoli li l-proporzjon ta' alkohol fid-demm ta' dik il-persuna jkun iżjed mil-limitu preskritt; jew
(b) dik il-persuna tonqos milli tagħti kampjun tan-nifs għal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15Ċ sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-nuqqas jew ir-rifjut li tagħmel dak meħtieġ kien reat.

15G. Persuna meħtieġa li tagħti kampjun tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tista' tiġi miżmuma mill-Pulizija sakemm il-Pulizija jkun jidhrilha li dik il-persuna tkun f'kundizzjoni li ssuq.

30. In oltre t-tifsira tat-test tan-nifs taħt dak dispost fl-artikolu 15I tal-istess Kap hija :

test bil-għan li jiġi stabbilit, permezz ta' strument tax-xorta approvata mill-Ministru, jekk il-proporzjon ta' alkoħol fin-nifs ta' persuna huwiex iżjed mill-limitu preskritt b'regolamenti taħt din l-Ordinanza;

31. Illi f'dan il-każ il-provi juru li l-appellant kien ġie mogħti l-ordni biex jagħti kampjun tan-nifs għall-fini tat-test tan-nifs fuq il-post. Huwa irrifjuta li jagħmel dan it-test tan-nifs; ġie mwissi bil-konsegwenzi tad-deċiżjoni tiegħu; irrifjuta li jagħti dan il-kampjun fuq il-post; ġie infurmat li ma kienx fi stat li jsuq u ġie mibgħut l-hemm bi trasport alternattiv. Biss huwa ma ġiex arrestat u meħud l-Għassa tal-Pulizija u jew fil-Kwartieri Ġenerali biex issir l-analiżi tal-kampjun tan-nifs skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

32. Fis-sentenza deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Vincent de Gaetano nhar id-9 ta' Frar 2001 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Marlon Montebello***, ġie osservat li ma hemmx neċessarjament rabta bejn ir-reat kontemplat taħt l-Artikolu 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi u l-fatt li l-analiżi tan-nifs – a differenza tat-test ta' kampjun tan-nifs mogħti fuq il-post tal-inċident – ikun inkomplet jew ma jsirx.[8]

---

[8] Din il-posizzjoni ġiet ukoll ribadita fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima nhar il-21 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Raymond Debono***.

33. Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Julian Sciberras*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar it-13 ta' Marzu 2001 ġie speċifikat li :

> Fuq dawn il-fatti l-ewwel qorti ma setghetx legalment issib lil Sciberras hati tar-reat kontemplat fis-subartikolu (4) tal-Artikolu 15E tal-Kap. 65, u dan ghal raguni wahda u semplici. Il-ligi tiddistingwi bejn kampjun tan-nifs li jista' jintalab li jinghata ghall-finijiet ta' **test** tan-nifs (Art. 15C), u z-zewg kampjuni li jistghu jintalbu li jinghataw ghall-finijiet ta' l-**analizi** permezz ta' strument approvat (Art. 15E(1)(a)). Huwa biss jekk wiehed jirrifjuta jew jonqos milli jaghti wiehed jew aktar minn dawn iz-zewg kampjuni (cioe` ghall-finijiet tal- analizi permess ta' strument approvat) li wiehed ikun qed jikkommetti r-reat kontemplat fl-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 15E. Dan huwa car mill- kliem adoperati fl-imsemmi subartikolu: "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dan l-artikolu [u mhux ukoll taht l-Artikolu 15C] tkun hatja ta' reat..." Persuna li tirrifjuta li taghti n-nifs ghall-finijiet tat-test tan- nifs, jigifieri ghall-finijiet ta' dak li komunement jissejjah ir-*roadside test* (ara d- definizzjoni ta' "test tan-nifs" fl-Artikolu 15I(1)) tkun soggetta li tigi arrestata taht l-Artikolu 15D (basta li tkun inghatat it-twissija imsemmija fil-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 15D), mehuda d-Depot tal-Pulizija, u biss jekk hemm, cioe` fid-Depot, tibqa' tirrifjuta jew tonqos milli taghti n-nifs kif mehtieg ghall- analizi, u minghajr raguni valida skond il-ligi, tkun hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4). Fi kliem iehor, dak li kellu jaghmel il-Kuntistabbli Cristina kien li jarresta lil Sciberras u jiehdu d-Depot, u mhux semplicement jehodlu d- dettalji u jhallieh sejjer. Ghalhekk fuq il-fatti kif irrisultaw, l-ewwel qorti ma setghet qatt issib lill-appellant hati kif effettivament sabitu, cioe` tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) tal-Kap. 65. Dak li ghamel l-appellant kien jammonta ghar-reat minuri u kontravvenzjonali, izda kompriz u involut fit-tieni imputazzjoni, u cioe` li naqas li jobdi ordni legittima tal-pulizija bi ksur tal- Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali. Fir-rikors tieghu ta' appell, l-appellant jikkontendi li hu ma nefahx fil-pajp ghax kellu halqu migugh minhabba daqqa li kien qala' fuq halqu b'risultat ta' l-incident awtomobilistiku. Din il-Qorti, pero`, bhall-ewwel qorti, tara li din kienet semplici skuza, anzi skuza banali, li l- appellant hareg biha wara biex jipprova jiggustifika n-nuqqas tieghu li jaghti n-nifs kif kien qed jigi mitlub mill-pulizija.

34. Fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Francis Pace*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar it-22 ta' Settembru 1999, jingħad ukoll li it-twissija jew il-*caution* (li tingħata

dwar il-fatt li n-nuqqas jew ir-rifjut li l-ġudikabbli jagħti kampjun tan-nifs hu reat) hija meħtieġa biss sabiex il-Pulizija tkun tista' tarresta lil dak li jkun li jonqos milli jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs fuq il-post – u dan skont l-artikolu 15D tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Jiġifieri l-konsegwenza tar-rifjut fil-każ ta' nuqqas ta' għoti ta' kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs fuq il-post huwa l-arrest immedjat u t-teħid tal-ġudikabbli fl-Kwartieri Ġenerali sabiex issir l-analiżi bil-mezz tal-istrument approvat. Imbagħad ikun ir-rifjut li l-ġudikabbli li jissottometti ruħu għal din l-analiżi li tista' twassal għar-reat taħt l-artikolu 15E(4) tal-Kodiċi Kriminali. Imbagħad għall-fini tar-reat kompemplat f'dan l-artikolu ebda twissija ma hi meħtiega.[9]

35.Illi deċiżjoni fuq binarji simili hija ***Il-Pulizija vs Ramon Fenech*** mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-26 ta' Marzu 2015 fejn ingħad is-segwenti : -

> Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza meta persuna tirrifjuta li tossottometti ruhha ghall- ezami tan-nifs f'dak illi huwa maghruf bhala "roadside test", dan jaghti lok ghall-arrest tal-persuna u mhux ghar-reat indikat fic-citazzjoni. Ir-reat imbaghad jigi ikkunsmat meta dak li jkun jittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemm l-apparat ordnat mil-ligi u f'dak l- istadju jirrifjuta illi jiehu l-ezami. F'dan il-kaz johrog car illi l-appellat ittiehed biss l-ghassa ta' Birkirkara u minn hemmhekk intbaghat id-dar. Teknikament, ghalhekk, la darba ma giex offrut l-ezami fil-laboratorju tal-kwartieri generali tal-pulizija l-appellat ma jistax jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni (ara "Pulizija versus Julian Sciberras", Appell Kriminali, 13 ta' Marzu 2001, kif ukoll Il-Pulizija versus Raymond Parnis, 2 ta' Mejju 2012).

[9] ***Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri***, Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar it-30 ta' April, 1999, u ***Il-Pulizija v. Anthony Cutajar***, Qorti tal-Appell Kriminali deċiża nhar it-2 ta' Settembru, 1999.

36.Inoltre fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Raymond Grech Marguerat*** deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Ġunju 2017 qablet ma' din il-linja ġurisprudenzjali u saħqet is-segwenti :

> Dan ifisser allura illi r-rifjut li jossottoponi ruhu ghat-test tan-nifs fit-termini ta' l-artikolu 15C wassal ghall-arrest ta' l-appellat, kif mahsub fl-artikolu 15D tal-Kap.65. Jekk imbaghad isehh ir-rifjut biex isirlu t-test tan-nifs gewwa l-ghassa tal-pulizija, huwa hemmhekk biss li jiskatta r-reat. Ir-reat b'hekk jista' jigi ikkunsmat biss meta ikun hemm ir-rifjut gewwa l-ghassa tal-pulizija.[10]

37.Kwindi mill-ġurisprudenza fuq din il-materja partikolarment mill-interpretazzjoni legali li saret kemm tal-artikolu 15C kif ukoll l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li r-rifjut tal-appellant seta' jwassal biss għall-arrest tiegħu mill-Pulizija. Sabiex ikun hemm l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' ħtija skond il-liġi ai termini tal-artkolu 15E, l-appellant kellu jerġa jiġi sottomess għat-tieni test permezz tal-apparat li jinstab l-Għassa tal-Pulizija jew il-Kwartieri Ġenerali fejn jekk hemmhekk jekk jerġa jirrifjuta, tiskatta r-responsabbilta' kriminali skond l-akkuża ppostulata kontra tiegħu. Konsegwentement ir-rifjut tal-appellant li jissotometti lilu nnifsu għar-*roadside breathaliser test* ma setgħatx twassal għall-ħtija interposta taħt l-artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[10] Ara wkoll ***Il-Pulizija vs Raymond Parnis***, deċiża nhar it-2 ta' Mejju 2012 minn din il-Qorti ippreseduta mill-Imħallef Michael Mallia.

38. Biss peress li b'dak stipulat fl-artikolu 15C tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta l-Uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ lill-ġudikabbli biex jagħti kampjun tan-nifs għat-test tan-nifs, tali ħtieġa hija forma ta' ordni leġittima mogħtija minn Pulizija lil persuna, allura din il-Qorti taqbel mas-sentenza ***Sciberras*** aktar il-fuq imsemmija u tqis li bir-rifjut tiegħu l-appellant ikkommetta r-reat minuri u kontravvenzjonali, izda kompriż u involut fit-tielet imputazzjoni, u ċioe` li naqas li jobdi ordni leġittima tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali.

# ***Deċide***

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' *in parte* l-appell ta' Francios Zammit, u dan billi :

(a) tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u minnhom tilliberaħ minn kull ħtija, imputazzjoni, piena u konsegwenza;

(b) tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni billi filwaqt li tiddikjara li din il-Qorti qegħda ssibu mhux ħati tar-reat ipotizzat taħt l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u minnu tilliberaħ minn kull ħtija u piena, filkontemp tapplika l-każ ***Sciberras*** aktar il-fuq imsemmi u ssibu ħati tar-reat minuri kontravvenzjonali iżda kompriż u involut fih ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) tirriforma wkoll dik il-parti tas-sentenza billi tħassar fejn ikkundannatu għal multa t'elf u tminn mitt euro (€1800) kif ukoll

fejn issospendietlu l-liċenza tas-sewqa għal perjodu ta' sitt xhur kif ukoll ordnatlu li jgħaddi l-liċenza tas-sewqan lill-Awtorita għat-Trasport ta' Malta u tibdel din il-piena billi tikkundanna lill-appellant għal ammenda ta' ħamsin euro (€50).

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***